MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH S. REFALO**

Seduta tal-21 ta' Jannar, 2005

Talba Numru. 2327/2004

**Frank Jenkins**

**vs**

**Keith Pace**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-7 ta' Dicembru, 2004 fejn intalab il-hlas ta' sitt mija u hamsin lira Maltija (Lm650.00) u fejn intqal: Illi fuq inkarigu tal-konvenut l-attur ikkonsenja materjal u wahhal xoghol ta' granit fil-fond 49 Triq Zerafa, il-Marsa, propjeta` tal-konvenut;**
**Illi ghalkemm il-konvenut diga ghamel xi pagamenti ghad fadal bilanc ta' sitt mija u hamsin lira Maltija (Lm650.00) a favur l-attur;**
**Illi l-konvenut baqa' ma hallasx din is-somma dovuta;**
**Illi din is-somma kif ukoll l-imghax legali dekoribbli sal-pagament effettiv ghadhom dovuti;**

**Bl-ispejjez, bl-imghax kif mitlub u l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.**

**Ra l-kapitolu prezentat mill-attur fl-14 ta' Jannar, 2005, ghas-subizzjoni tal-konvenut. Ra li l-konvenut baqa' ma pprezentax risposta u lanqas ma deher, u ghalhekk id-domandi attrici ghandhom jitqiesu bhala konfermati.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal jilqa' t-talba attrici, u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' sitt mija u hamsin lira Maltija (Lm650.00) bl-imghaxijiet legali mis-17 ta' Dicembru, 2004, u bl-ispejjez kontra il-konvenut.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------